MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 14/2005

**Nazzju Pace bil-karta ta' l-Identita' 0090447 (G).**

**vs.**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Nazzju Pace datat 16 ta' Novembru 2005 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-

1.1. Fid-9 ta' Dicembru 1999 inhareg Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq Numru ECF 896/99 kontra l-appellant odjern.

*1.2.* Il-ksur tal-kontroll indikat fl-Avviz gie deskritt bhala li *"ghandhek zieda u alterazzjonijiet fil-farm minghajr il-*

*permess li jikkonsisti (sic) f'taqsim differenti minn dak ndikat fil-pjanti f'PB312/82 kif ukoll zidiet ta' strutturi kemm fil-livell t'isfel u fil-livell ta' mat-triq".*

1.3. Sar appell minn dan l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq mill-appellant quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar;

2. Illi b'decizjoni datata 2 ta' Novembru 2005 il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell tal-appellant odjern u kkonferma l-Avviz biex biex Tieqaf u ta' Twettiq tad-9 ta' Dicembru 1999.

3. Illi l-appellant hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u minnha qieghed jitlob appell quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghat-tenur ta' l-**artikolu 15 tal-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp.**

4. Ill l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

4.1 **L-ewwel aggravju** jirrigwarda l-kwistjoni tan-*Ne Bis in Idem.*

4.2 Il-Bord ta' l-Appell fit-tielet faccata tad-decizjoni tieghu jghid hekk:-

*"Fl-appell tieghu, l-appellant jissottometti illi gja ghadda minn proceduri kriminali fuq akkuzi simili li minnhom gie liberat fuq talba tal-PAPB u ghalhekk, ma setghux ittiehdu proceduri ta' twettieq fil-konfront tieghu fuq l-istess mertu".*

*"F'dan ir-rigward, il-Bord jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' April, 1996 fl-ismijiet "Godfrey Psaila vs l-Awtorita' tal-Ippjanar" fejn giet annullata decizjoni ta' dan il-Bord diversament kompost u gie deciz illi l-Awtorita' ma misshiex istitwiet proceduri ta' twettieq fil-konfront tal-appellant una volta illi l-Awtorita' stess kienet iddecidiet illi tirrinunzja ghall-proceduri kriminali kontrih".*

*"Fil-kaz in ezami, kienu ittiehdu proceduri kriminali fuq talba tad-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici. Dan il-Bord huwa*

*tal-fehma illi l-fatt illi l-appellant gie liberat minn proceduri kriminali fuq l-istess mertu iktar u iktar meta gie deciz illi l-akkuza giet imposta b'mod xejn hazin ma jipprekludix lill-Awtorita' milli tistitwixxi proceduri ta' twettiq fil-konfront tieghu. Il-proceduri ta' twettieq odjerni huma ta' natura amministrattiva u ghalhekk, dan il-Bord ihoss illi mhuwix minnu dan illi qieghed jinghad illi l-appellant qieghed jghaddi proceduri darbtejn".*

4.3 Illi bl-akbar rispett lejn dak il-Bord din hija enuncjazzjoni skoretta tal-ligi. Din hija punt ta' ligi deciz mill-Bord u ghaldaqstant l-appellant odjern ghandu dritt ta' appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

4.4 Illi l-appellant odjern kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u gie akkuzat talli *"ghamel xoghol ta' bini f"Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex minghajr ma kellu permess tal-bini tal-PAPB".* Illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) wara li qalet illi din il-kawza kienet ilha pendenti sa mit-28 ta' Mejju 1986, ghaddiet biex tiddeciedi dan il-kaz fid-19 ta' Novembru 1997. Dik il-Qorti qalet li *"Taqbel mar-relazzjoni tal-perit tekniku izda taqbel ukoll pjenament mas-sottomissjoni ta' l-abbli Avukat Difensur. Din il-kawza kienet intavolata b'mod hazin. L-imputat kellu permess ta' bini izda ma beniex skond il-permess. Ta dan ghamel hazin aktar u aktar meta si tratta ta' maqjel fejn allura il-permess ghandu sinfikat dubblici ghal ragunijiet ta' igene u kien forsi ghalhekk li l-awtoritajiet stipulaw diversi mqawel b'bitha ghal kull maqjel minflok maqjel wiehed kbir. Izda l-prosekuzzjoni harget akkuza diversa minn dik li setghet harget u hi kontemplata fl-art. 17 tal-Kap 10 kif vigenti sa Jannar 1992".* Issa l-Bord ta' l-Appell dehrlu li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar setghet terga' tistitwixxi proceduri ta' twettieq kontra l-appellant u dan peress illi fi kliem l-istess Bord *"mhux minnu dan illi qieghed jinghad illi l-appellant qieghed ighaddi proceduri darbtejn fuq l-istess akkuzi".* Biex wasal ghal din il-konkluzjoni l-Bord ta' l-Appell qal li *"proceduri ta' twettieq odjerni huma ta' natura amministrattiva".*

4.5. Illi huwa proprju hawn illi ma hemmx qbil mas-sentenza tal-Bord ta' l-Appelli. L-akkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kienet tirrigwarda xoghol ta' bini f'Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex minghajr ma kellu permess tal-bini mill-PAPB. l-Avviz ta' Twettieq inhareg a bazi tal-premessa illi *"ghandhek zieda u alterazzjonijiet fil-farm minghajr il-permess li jikkonsisti (sic) f'taqsim differenti minn dak ndikat fil-pjanti f'PB312/82 kif ukoll zidiet ta' strutturi kemm fil-livell t'isfel u fil-livell ta' mat-triq".*

4.6. Il-Bord ta' l-Appell ghandu funzjoni quasi-gudizzjarju u allura meta huwa jigi biex jara u jiddeciedi appell, ghandu jara li jigu applikati l-principji legali li huma applikabbli fil-qrati nostrani. Issa f'dan il-kaz, l-avviz ta' twettieq hareg a bazi ta' akkuza li minnha l-appellant odjern gie liberat. *In vista* ta' dan il-fatt, l-avviz ta' twettieq qatt ma setgha jigi kkonfermat. Dan il-punt ser jigi trattat ampjament fit-trattazzjoni orali u jew in iskritt li ssir quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

5. **<u>It-tieni aggravju</u>** ta' l-appellant huwa li dawn ix-xoghlijiet – u dan skond ma jirrizulta mill-atti – saru fit-tmeninijiet (*80's*) u allura ma humiex applikabbli ghalih il-ligijiet li jirregolaw l-izvilupp u senjatament l-Att 1 tal-1992.

5.1. Ix-xoghlijiet li saru mill-appellant ma kienux jirrikjedu permess dak iz-zmien li fihom saru u ma tistax issa l-Awtorita' taqbad u tohrog avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq wara kwazi hmistax-il sena.

5.2 Illi anke jekk ghas-sahha ta' l-argument, u *dato ma non concesso* li l-Awtorita' setghet legalment tohrog dan l-Avviz, hija llum il-gurnata prekluza milli tipprocedi ghal infurzar ta' dan l-avviz a tenur ta' l**-artikolu 55B tal-Kap356 tal-Ligijiet ta' Malta.**

6. **<u>It-tielet aggravju</u>** ta' l-appellant huwa li l-ordni biex jieqaf u ta' twettieq indikat hawn fuq ma huwiex validu fil-ligi u dan peress li huwa redatt b'mod generiku u lakoniku b'tali mod u manjiera li cahhad lill-appellant id-dritt tieghu li jkun jaf x'inhuwa jigi imputat lilu.

6.1. Illi dwar dan il-punt hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna li kollha jghidu li l-avviz ta' twettieq kellu jkun specifiku u jindika bl-ezatt x'kien qieghed jigi adebit lilu mill-Awtorita'. Ma jistax jkun illi wiehed jaqbad u johrog avviz b'mod generiku sabiex tkun xi tkun l-ezitu finali tal-proceduri, dan l-avviz jolqot x'imkien. Dan ghaliex l-individwu ghandu dritt jkun jaf x'qieghed jigi ndikat mill-Awtorita' bhala li ma huwiex skond il-ligi.

7. **<u>Ir-raba' aggravju</u>** huwa dwar l-ahhar paragrafu tad-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li jghid illi *"dan il-Bord jikkonkludi illi huwa minnu li sar l-izvilupp konsistenti minn tibdil ta' layout u zidiet u alterazzjonijiet tal-izvilupp f'sit bl-isem "Ta' Bwier", Ghajnsielem, Ghawdex u li dan sar almenu wara s-sena 1982 u cjoe' wara li kienet saret l-applikazzjoni PB312/82, f'liema zmien zvilupp kolpit bl-avviz kien jirrikjedi permess ta' zvilupp skond il-policies vigenti dak iz-zmien".* Dwar dan il-punt, wiehed jistaqsi x'kienu l-*policies* vigenti dak iz-zmien? Il-Bord ma jindikax u ma jsemmiex x'kienu. Allura kif jista' l-appellant odjern jara jekk dawk il-*policies* – jekk verament kienu jiezistu – gewx applikati fil-kaz odjern. Kif jista' huwa jikkontrolla u jara jekk dawk il-*policies "vigenti dak iz-zmien"* humiex applikabbli ghall-kaz in ezami? Zgur illi d-drittijiet ta' l-individwu ma ghandhomx jigu decizi b'termini daqshekk generici.

8. **<u>L-ahhar aggravju</u>** ta' l-appellant huwa dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern u l-apellant fis-26 ta' Marzu 1985. Skond ma jghid il-Bord ta' l-Appelli l-appellant kien inghata ghotja mill-Gvern sabiex *"jimmodifika r-razzett tal-majjali li huwa ghandu mibni fuq bicca raba' fix-Xewkija, Ghawdex, il-kuntrada "Tat-Torri", maghrufa "Tal-Barrieri".* Dan il-kuntratt ghandu jigi interprettat illi l-Gvern kien qieghed jaghti awtorizzazzjoni necessarja sabiex isiru x-xoghlijiet necessarji ta' modifika fir-razzett tal-majjali tal-appellanti. Wiehed irid izzomm quddiem ghajnejh illi hawn qeghdin nitkellmu fis-sena 1985 u cjoe' 7 snin shah qabel ma dahal fis-sehh l-Att 1 tal-1992. Dak iz-zmien, huwa fatt ben maghruf illi jekk il-Gvern jawtorizzak sabiex taghmel xoghlijiet ta' modifika u

kostruzzjoni ma kienx dejjem mehtieg l-awtorizzazzjoni tal-PAPB. Illi proprju ghax ghamel hekk l-appellant, issa qieghed jigi ippenalizzat mill-Awtorita'.

Ghal dawn il-motivi, l-appellant filwaqt li jaghmel riferenza ghad-dokumenti, sottomissjonijiet u xhieda li ngabu quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u jirriserva li jgib dawk id-dokumenti, xhieda u jaghmel sottomissjonijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jitlob umilment lil din il-Qorti li joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-2 ta Novembru 2005, li biha cahdet l-appell tieghu u ikkonfermat l-Avviz biex tieqaf u ta' twettieq nru ECF 896/99 datat 9 ta' Dicembru 1999 u fil-waqt li tilqa' l-appell li kien ghamel l-appellanti quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar thassar l-Avviz biex tieqaf u ta' Twettieq tad-9 ta' Dicembru 1999.

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp datata 4 ta' Mejju 2006 a fol 11 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi a rigward tal-ewwel aggravju, dan jirrigwarda strettament l-interpretazzjoni li ta l-Bord dwar in-*ne bis in idem.* Il-Bord dahal fil-fond f'din il-kwistjoni. Fil-fatt huwa indika d-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-appell ta' Godfrey Psaila u spjega ghaliex il-Bord irritjena illi dak l-avviz ta' enfurzar hareg korrettament u kellu ghalhekk johrog. *(vide* pagna 2 u 3 tal-istess decizjoni). Illi l-appellant ma jistax jippretendi illi jekk hu qieghed imur kontra il-permess originali kif mahrug anke' dawk li saru wara l-proceduri kriminali, mela ghalhekk hemm xi darba proceduri kriminali kontrih, ghalhekk huwa immuni minn kull tip ta' procedura amministrattiva. Fil-fatt fid-disposizzjoni tieghu quddiem l-appell, l-appellant xehed f'pagna tlieta illi l-proceduri ta' enfurzar ma kienux identici ghall-proceduri kriminali.

2. Illi a rigward it-tieni aggravju tal-appellant, jinghad illi biex wiehed jinvoka l-**artikolu 55 B** trid issir talba *ad hoc* lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u trid ukoll jigu sodisfatti r-rekwiziti kollha taht dak l-artikolu.

3. Illi t-tielet aggravju jitratta fuq xi haga li la tqajjmet u la giet issindikata mill-Bord tal-Appell. Illi minghajr pregudizzju il-kliem uzat fl-avviz huwa wiehed car u konciz u ma jaghti l-ebda lok ghal interpretazzjoni jew b’xi mod hu “generiku jew lakoniku”.

4. Ir-raba’ aggravju, il-Bord ra l-permess mahrug, ra il-kuntratt li sar mal-Gvern, u minn dawn id-dokumenti seta’ facilment jikkonkludi x’kien hemm bil-permess u x’ma kienx hemm. Ma kienx hemm bzonn li jsemmi *policies* ohrajn ghaliex b’dak li kien hemm kien bizzejjed biex hu jiddeciedi b’mod tajjeb.

5. L-ahhar aggravju wkoll dahal fih il-Bord. F’pagna 5 ta’ l-istess decizjoni li tghid hekk:-

*“Il-Bord jinnota illi permezz tal-kuntratt citat u pprezentat mill-istess appellant, dan ma nghata ebda dritt jew poter illi jezegwixxi xi xoghlijiet izda sempliciment kien nghata ghotja ghall-iskop tal-estensjoni tar-razzett. Anke’ kieku stess, dan il-kuntratt jigi interpretat bhala xi ghotja ta’ permess favur l-appellant, dan bl-ebda mod ma jfisser illi kien qieghed jinghata permess tal-bini, u dan kif ritenut minn diversi sentenzi ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Appell….”* .

*“Izda mhux talli hekk, illi l-appellant biddel kompletament l-uzu minn wiehed ghal skop ta’ razzett ghal uzu residenzjali”.*

Ghaldaqstant, *in vista* tal-permess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell interpost u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tat-Tnejn (2) ta’ Novembru 2005 fl-ismijiet premessi.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 2 ta’ Dicembru 2005 a fol 6 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Nazzju Pace vs Kummissjoni**

**ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciz mill-istess Bord fit-2 ta' Novembru 2005.

Rat is-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Nazzju Pace vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciz mill-istess Bord tat-2 ta' Novembru 2005.

Rat r-rikors tar-rikorrenti datat 30 ta' Mejju 2006 u d-digriet datat 5 ta' Gunju 2006 fejn l-appell gie riappuntat ghall-5 ta' Ottubru 2006.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti datati 4 ta' Mejju 2006, 30 ta' Mejju 2006, u 5 ta' Ottubru 2006 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa kaz fejn inhareg kontra l-appellanti odjern Avviz biex Tieqaf u tat-Twettiq Numru 896/99 datat 9 ta' Dicembru 1999 fuq is-sit maghruf bl-isem Tal-Bwier, Ghajnsielem u fejn jinghad lill-appellant li:-

*"ghandhek zieda u alterazzjoni fil-farm minghajr permess li jikkonsisti f'taqsim differenti minn dak kif indikat fil-pjanti f'PB312/82 kif ukoll ziediet strutturali kemm fil-livell t'isfel u fil-livell ta' mat-triq".*

Illi dan gara wara li kienu ghall-ewwel ittiehdu proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, fejn l-istess persuna kienet giet akkuzata fit-28 ta' Mejju 1986 mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici li huwa kien ghamel xoghol ta' bini f'Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex minghajr ma kellu l-permess mill-P.A.P.B., u peress li inghad mill-perit tekniku Richard Aquilina, li fil-fatt l-hemm imsemmi imputat kellu permess, izda ma kienx bena skond l-istess, b'decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati datata 19 ta' Novembru 1997 sostniet li dan il-kaz kien

jikkonsisti dwar allegat infrazzjoni b'kostruzzjoni ta' hitan divizorji f'maqjel, kaz li l-istess Qorti sejhet ta' *"ghajb kbir ghas-sistema u mhux ta' min jaghmel gudizzju minghajr ma jkun osservat dan in-nuqqas",* izda sostniet li l-kawza kienet intavolata hazin ghaliex l-imputat kellu permess ta' bini izda ma beniex skond il-permess u dan ghaliex gie ritenut li l-prosekuzzjoni harget akkuza diversa minn dik li setghet harget u li hija kontemplata fl-**artikolu 17 tal-Kap 10** kif kien vigenti sa Jannar 2002.

Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri l-istess appellant odjern pprezenta fis-6 ta' Dicembru 1995 applikazzjoni ta' zvilupp PA7874/95 sabiex jissanzjona it-tibdil fil-bini minn dak kif indikat fil-permess tieghu tal-bini Numru PB312/82, b'dan li ghamel proposta ghal zidiet u alterazzjonijiet ma' *farm* ezistenti, izda din l-applikazzjoni giet rifjutata fis-17 ta' Ottubru 1996; minn dan ir-rifjut sar appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-4 ta' Novembru 1996 u dan l-appell gie deciz fis-26 ta' Gunju 1998 (PAB596/96/KA), fejn jidher car mill-istess sentenza, (li estratt taghha jinsab esebit fl-atti esebiti tal-file relattiv ta' l-Awtorita' bhala Dok. "MC 5"), li l-istess decizjoni hadet in konsiderazzjoni l-istess sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, u inghatat decizjoni fis-sens li tali sentenza tal-Qorti ma kienitx tammonta ghar-*res judicata* u dan peress li l-istess Bord ma kienux qed imexxu proceduri ta' gurisdizzjoni kriminali, imma biss procedura ta' kontroll ta' zvilupp; mhux hekk biss izda kkonstat ukoll li l-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati hemm indikata kien jittratta dwar hitan divizorji mentri l-applikazzjoni sanatorja kienet titratta dwar numru ta' kmamar, u dan dejjem apparti l-punt li l-kompetenza tal-Qorti kienet wahda kriminali mentri dik tal-Bord kienet wahda amminstrattiva.

Illi wara dan inhareg l-Avviz biex Tieqaf u tat-Twettiq Numru ECF896/99 datat 9 ta' Dicembru 1999 u minnu sar appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippanar li kkonfermat l-istess b'decizjoni datata 2 ta' Novembru 2005.

Illi minn dan sar appell mill-istess appellanti u dan peress li sostna li f'dan il-kaz kien hemm allegat ksur tal-principju

*ne bis in idem* u dan peress li inghad li l-Avviz tat-Twettiq hareg a bazi ta' l-istess akkuza li minnha l-appellant odjern gie liberat u ghalhekk l-appellant isostni li l-istess Avviz biex Tieqaf u tat-Twettiq la qatt seta' johrog u wisq inqas jigi kkonfermat.

Illi din il-Qorti thoss li bhala fatt dan huwa manifestament skorrett u svijatorju u dan anke fil-kuntest tal-fatti kif spejgati, u dan ghaliex l-akkuza u l-materja quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet ghal kollox differenti mill-kaz li kien il-mertu ta' l-Avviz suggett ta' l-appell odjern, u dan peress li waqt li l-kawza kriminali kienet tikkoncerna biss kwistjoni ta' hitan divizzorji, l-proceduri odjerni jikkoncernaw affarijiet ohra konsistenti f'xejn inqas minn *"zieda u alterazzjoni fil-farm minghajr permess li jikkonsisti f'taqsim differenti minn dak kif indikat fil-pjanti f'PB312/82 kif ukoll ziediet strutturali kemm fil-livell t'isfel u fil-livell ta' mat-triq".* Ghalhekk certament jinghad li l-elementi ta' *ne bis in idem* ma jezistux, anzi din il-procedura hija rizultat ta' dak li sabet u nghad fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz "Nazzju Pace vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" datat 26 ta' Gunju 1998 (PAB596/96/KA), li jidher li lanqas biss gie appellat quddiem il-Qorti ta' l-Appell, lanqas fuq il-punt li l-istess proceduri msemmija jistghu jaghtu lok ghar-*res judicata,* difiza li giet rigettata b'mod enfatifku mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi jidher li l-appellant bena l-kaz tieghu fuq il-kwotazzjoni li hemm fl-istess decizjoni u ndikata f'paragrafu 4.2 tar-rikors tieghu fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenza **"Godfrey Psaila vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' April 2002. Din il-Qorti thoss li l-Bord kien korrett meta qal li hemm distinzjoni netta bejn proceduri kriminali u dawk ta' twettieq u kontrol ta' l-izvilupp, li huma ta' natura amministrattiva u sa hawn ukoll jidher li dan l-aggravju ta' l-appellanti huwa kompletament bla bazi; din il-Qorti thoss li dan mhux biss, ghaliex jidher li s-sentenza fuq citata lanqas fil-verita' ma tista' tghin is-sottomissjoni ta' l-appellant ghall-kaz odjern ghaliex il-punt fid-decizjoni citata kien dwar il-punt li la darba f'dak il-kaz il-

prosekuzzjoni fl-azzjoni kriminali kienet irrinunzjat u cediet l-atti kontra l-imputat, dan kien ifisser li l-izvilupp kien kkonsidrat bhala wiehed li sar legalment u b'konsegwenza ta' dan allura zmien wara l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma setghatx tibdel it-triq li ghazlet u adottat, ukoll ghaliex bir-rinunzja u cessjoni ta' l-azzjoni li hija kienet bdiet, hija kienet b'hekk accettat li l-kostruzzjoni ndikata saret skond il-*policies* vigenti dak iz-zmien.

Illi dan huwa hafna differenti mill-kaz odjern, fejn fil-kawza kriminali nghad li ghalkemm il-hitan hemm indikati ma sarux skond il-permessi ezistenti, l-imputat gie liberat ghaliex l-akkuza kif hemm ifformulata saret hazin ghar-ragunijiet hemm indikati; izda minkejja dan u wara jidher li l-istess appellant innifsu, konxju tal-fatt li kien hemm bini, (anke *oltre* dawk indikati fl-akkuzi kriminali), li ma kienx konformi mal-permess li kellu, huwa stess applika sabiex jissanzjona tali bini zejjed u alterazzjonijiet ohra mhux koperti mill-permess li kellu f'idejh, u b'hekk huwa stess irrikonoxxa u accetta li ma kellux permess ghall-istess bini li zied u biddel, u meta dan il-permess ma harigx, u b'hekk il-bini llegali li kien ghamel ma kienx gie sanzjonat, u wara anke li tilef l-appell minnu interpost quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fuq dawn il-kostruzzjonijiet kollha, ghaliex l-istess zvilupp ma kienx skond il-permess tal-bini ezistenti, l-Awtorita' odjerna agixxiet skond it-termini ta' l-**artikolu 51 u 52 tal-Kap 356** u dan kien, anzi huwa obbligu taghha li taghmel dan skond il-ligi.

Illi din il-Qorti ghalhekk thoss li certament ma hemm l-ebda kaz la ta' *res judicata* u wisq inqas ma hemm ksur tal-principju ta' *ne bis in idem,* u dan peress li mhux biss wahda hija procedura kriminali, mentri dik odjerna hija procedura amministrattiva u procedura ta' kontroll ta' zvilupp, izda qed nitrattaw ukoll fuq organi differenti wiehed gudizzjarju u kriminali u l-iehor *quasi* gudizzjarju u amministrattiv, izda certament mhux ta' kompetenza kriminali, dwar partijiet differenti, u wkoll dwar mertu wkoll differenti. Dan huwa ukoll ikkonfermat minn decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kazijiet **"Teddy Rapa vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (PAB24/93/KA – 3 ta' Dicembru 2003) u **"Emmanuel Morguello vs Awtorita'**

**ta' l-Ipppjanar"** (PAB27/93/KA – 3 ta' Dicembru 1993). Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Charles Spiteri et nomine vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** datata 21 ta' Frar 1996 *se mai* tikkonferma l-poteri ta' l-Awtorita' taht l-**artikolu 51** dwar zviluppi li saru kemm qabel u kemm wara li gie fis-sehh l-**Att I tal-1992.** Dan l-aggravju huwa ghalhekk rigettat.
Illi t-tieni aggravju huwa wkoll ghal kollox infondat u dan peress li skond l-**artikolu 51 tal-Kap 356** l-Awtorita' ghandha s-setgha li tirrevedi l-izvilupp kollu li sar qabel il-bidu fis-sehh ta' l-istess Att minghajr ma gew osservati l-pjanijiet jew il-*policies* fis-sehh fiz-zmien li l-izvilupp ikun sar; u dwar dan l-Awtorita' ghandha s-setghat kollha li ghandha dwar zviluppi li saru wara l-promulgazzjoni ta' l-istess Att.

Illi mhux minnu lanqas li l-izvilupp li sar mill-appellant mertu tal-proceduri odjerni ma kienx hemm bzonn li jinhareg permess ghalih, tant li l-istess appellanti huwa ben konxju ta' dan peress li sahansitra huwa stess applika quddiem l-istess Awtorita', kif indikat f'din id-decizjoni u fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex jissanzjona l-istess bini llegali, u dan permezz ta' applikazzjoni, li giet kif inghad rifjutata.

Illi dwar l-**artikolu 55 B tal-Kap 356** jidher car li dan ma japplikax ghall-appellanti peress li bl-ebda mod ma gie ppruvat minnu li inhareg permess ghall-izvilupp in kwistjoni u dan kollox kif indikati fis-**subartikolu 3 ta' l-istess artikolu.**

Illi t-tielet aggravju huwa kompletament bla ebda bazi u dan peress li apparti l-fatt li dan ma tqajjem qatt quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, id-deskrizzjoni fl-Avviz mertu tal-proceduri odjerni hija fil-fatt deskrezzjoni li tissodisfa r-rekwiziti tal-ligi nkuz dak indikat fl-**artikolu 52 (4) tal-Kap 356** fejn saret riferenza wkoll, fl-istess avviz, li l-izvilupp li kienet qed tirreferi ghalih kien dak li ma kienx konformi mal-pjanti fil-permess PB312/82 li kien ezistenti fuq l-istess sit.

Illi dwar ir-raba' aggravju dan huwa wkoll bla ebda bazi u dan peress li jidher car li l-izvilupp indikat fl-istess Avviz kien sar ghaliex ma kienx sar skond il-pjanti approvati skond il-permess PB312/82, u kien ghalhekk ghal kollox ovvju li l-istess xoghlijiet ma sarux skond il-ligijiet dak in-nhar vigenti; anzi jidher u jirrizulta li waqt li kienu ghaddejjin proceduri kontra l-appellanti, kien qed issir zvilupp bla permess, u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Simon Darmanin vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 4 ta' Mejju 1998) fejn anke f'dan il-kaz l-Awtorita', u l-Bord kellu quddiemu l-permessi u dokumentazzjoni kollha dwar il-permessi li kienet harget l-Awtorita' kompetenti fuq l-istess sit; b'hekk ma kienx hemm bzonn is-sostenn esplicitu tal-indikazzjoni tad-disposizzjoni partikolari tal-ligi li kienet applikabbli, u dan ukoll ghaliex din kienet ukoll kwistjoni ta' fatt.

Illi l-ahhar aggravju huwa kompletament bla ebda fondament legali peress li l-kuntratt li hemm mal-Gvern qatt ma jista' jissostitwixxi l-ghoti ta' permess ta' zvilupp mill-Awtorita' kompetenti u certament f'dan il-kuntest dak li nghad fis-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huwa korrett u hawn issir riferenza ghat-tieni paragrafu tas-sentenza citata u ghad-decizjonijiet hemm indikati ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Anthony Demajo nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.C. – 6 ta' Dicembru 2002) u **"George Galea vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (24 ta' Novembru 2003).

Illi ghalhekk l-appell interpost mill-appellanti qed jigi michud ghaliex infondat fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fir-risposta taghha datata 4 ta' Mejju 2006 in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz**, tichad l-appell ta' l-appellanti Nazzju Pace fir-rikors ta' l-appell tieghu tas-16 ta'**

**Novembru 2005**, *stante* li kif inghad l-istess appell huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk konsegwentement tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar tat-2 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet **"Nazzju Pace kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (PAB 466/99/TSC).

Bl-ispejjez kollha a karigu ta' l-appellanti Nazzju Pace.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------